**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 61– IT-TNEJN, 8 TA’ FRAR 2016 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 60

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Dupuis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Pagamenti Numru 53

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Korrispondenza

3.1 Kien hemm diskussjoni fuq Tender SGLC/T/10/15 għal online streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Ġie innutat li kien hemm offerta waħda. Ġie deċiż li tintgħażel l-offerta ta' Correct Termination Limited.

3.2 Ġiet innutata Memo 4/2016 għal korsijiet Lifelong Learning. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn ma jsirux peress li l-Kunsill għad m'għandux post addattat biex isiru korsijiet bħal dawn.

3.3 Ġiet innutata Memo 6/2016 rigward ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart. Din titlob lil Kunsill li jekk hu possibbli ma jinġabarx skart waqt ir-rush hours biex ma jiżdiedx il-problema tat-traffiku. Il-Kunsill innota li din hija problema f'San Ġwann minħabba obbligi kontratwali li hemm.

3.4 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza mid-DLG biex jiġu nfurmati jekk il-Kunsill għandux pjanijiet li jsiru resurfacing ta' toroq mill-fondi tal-Kunsill fi tliet snin li ġejjin. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li minħabba restrizzjonijiet finanzjari, il-Kunsill aħjar jikkonsolida l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu u ma jsirux proġetti kapitali bħal dawn.

3.5 Ġiet innutata l-istima ta' Mario Mallia biex tiġi rranġata l-bankina ta' Triq is-Santwarju. Kien hemm qbil li din issir.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

.

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-laqgħa li saret mal-Ministru Joe Mizzi, ġie rikonoxxut li f'San Ġwann kien hemm nuqqas ta' servizz ta' karozzi tal-linja li qed iġġib tbatija lir-residenti. Il-Ministru kkonferma li din il-problema ser tiġi ndirizzata fi żmien qasir.

## 5 Affarjiet Oħra

5.1 is-Sur Dominic Cassar ippropona li jsiru fanali godda quddiem il-Kappella ta' Santa Margerita u l-Kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar biex jigu bhal kappelli l-ohra madwar San Gwann. Kien hemm qbil fuq dan. Hu talab biex tintbagħat reminder lil TM biex isiru l-linji tat-Toroq R Caruana Dingli, San Ġiljan u San Ġwann tal-Għorgħar, peress li dawn saru minn TM u ma sarux il-linji tat-toroq. Kien hemm qbil ukoll li jiġi rranġat sprall fi Triq Bellavista.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex

5.2.1 Tintbagħat reminder lill-Perit tal-Kunsill rigward kostruzzjoni ta' rampa fi Triq George Tayar

5.2.2 Jinxtraw 4 imwejjed biex jintużaw fid-day centre tal-anzjani. Dawn għandhom jiswew 472 Ewro. Kien hemm qbil fuq dan.

5.2.3 Tkellemet fuq il-proposta pendenti quddiem il-MEPA biex issir dar tal-anzjani minflok il-barriera. Is-Sinjura Bayliss iddikjarat li hija kontra kull żvilupp fil-Wied u din il-barriera għandha tiġi riabilitata u mhux żviluppata. Qalet ukoll li l-iskuza li l izvilupp ser isir fuq in naha tas-Swieqi ma jregix ghax Wied Ghomor huwa wied wiehed.

5.2.4 Infurmat lill-Kunsill li ghamlet laqgħa mal-GreenPak. L-kunsill ghandu jigbor data ta ħwienet u ristoranti tal-lokal u tintbaghtilhom ittra biex jirregolarizzaw wiehom mal-ligi rigward il-ġbir ta' skart lmhallat u dak separat. Tkellmet ukoll rigward l-1000 Ewro li l-Kunsill kien rebaħ fil-GreenPak Awards. Kien hemm qbil li b'dawn il-fondi jsiru CCTV cameras u l-Kunsill joħroġ 1000 Ewro oħra biex isiru aktar kameras.

5.3 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li hemm bankina fi Triq Birkirkara li tkissret minn kuntrattur li żviluppa plot. Kien hemm qbil li niktbu lill-MEPA biex nitolbu l-garanzija biex issir din il-bankina.

5.4 Is-Sur Trevor Fenech informa lill-Kunsill li hemm min irid jorganizza kunċert f'San Ġwann. Kien hemm qbil fil-prinċipju u għandha ssir laqgħa biex tiġi diskussa din il-proposta. Is-Sur Fenech ippropona li ssir Fun Day peress li ma kienx qed issir l-iSports Day. Kien hemm qbil fuq din baġit ta' 1000 Ewro. Il-kunsillier Marica Bayliss gibdet l-attenzjoni li sports day ma saritx ghax il-kunsilliera koncernati ma organizzaw xejn kif kien ikun organizzati qabel kull sena fic-celebrazzjonijiet ta Jum San Gwann.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu 2016 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier** **Etienne Bonello Du Puis**